UFFIĊĊJU TAT-TRIBUNAL GĦAL SERVIZZI FINANZJARJI
ĊENTRU MALTI TA' L-ARBITRAĠĠ
33, TRIQ NOFSINHAR,
VALLETTA VLT 11

MALTA

OFFICE OF THE FINANCIAL SERVICES TRIBUNAL
MALTA ARBITRATION CENTRE
33, SOUTH STREET,
VALLETTA VLT 11

**E-mail:** fst@gov.mt
**Website:** www.mfst.gov.mt

**Appell Numru: 9/20**

Clayton Formosa [ID 515895(M)] ezercitanti il- kummerc bl- isem Odin Professional Services

vs.

Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

26 ta' Ġunju 2024

It- Tribunal

Ra l-appell interpost mill-Appellanta liema appell gie intavolat fit- 30 ta' Novembru 2020 li kien jaqra hekk:

"***Deċiżjoni tal- Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta appellata***

Illi permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 t'Ottubru 2020, l-Awtorità appellata imponiet multa amministrattiva ta' €25,000 fuq l-appellant ai termini tal-Artikolu 16(3) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap. 330 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-appellant jħossu aggravat sew bid-deċiżjoni mogħtija kontra tiegħu fuq ċitata u għalhekk qiegħed umilment jinterponi dan l-appell, ai termini tal-Artikolu 21(9) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap. 330 tal-Liġijiet ta' Malta.

***Kwadru tal-fatti***
Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

1. Illi għal dawn l-aħħar sentejn, l-esponenti appellanti beda jiġġestixxi negozju bħala *sole trader* bl-isem *Odin Professional Services.*

2. Illi l-esponenti beda dan-negozju bl-intendiment li joffri *administrative support services* lil negozji oħra bħal *data inputting*, *filing*, *book keeping*, *customer support*, *payroll services* u *debtor chasing* fost oħrajn billi jimpjega miegħu ħaddiema bħal skrivana, *receptionists*, segretarji u *detbor chasers* fuq bażi permanenti jew temporanja.

3. Illi maż-żmien, l-esponenti bena diversi relazzjonijiet ma' professjonisti liċenzjati / *warranted* mill-qasam tal-*accountancy* u l-awditjar bħal *accountant* pubbliku ċertifikat (CPA) u *accountant* pubbliku u awditur ċertifikat (CPAA) billi daħal fi ftehim verbali magħhom li jibgħatilhom klijenti prospettivi li jkunu avviċinaw lil *Odin Professional Services* għal servizzi ta' *accounting*, awditjar u *corporate services*.

4. Illi l-intenzjoni tal-esponenti kienet li jaqdi l-kljenti tiegħu billi jirreferihom għand CPA's u CPAA's li magħhom kellu l-imsemmi ftehim verbali sakemm eventwalment japplika għal reġistrazzjoni bħala provditur ta' servizz lil kumpaniji skont l-artikolu 3 tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, Kap. 529 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi tenut kont tas-suespost, l-esponenti beda jirreklama *corporate services* bħal formazzjoni ta' kumpaniji, *directorship services*, *company secretary services* u l-użu ta' *registered address* fost l-oħrajn fuq is-sit tiegħu "https://odin.com.mt/".

6. Illi minħabba l-pandemija, l-esponenti ma kellux ċans japplika għall-imsemmija reġistrazzjoni bħala provditur ta' servizz lil kumpaniji u dan stante li l-ewwel prijorità tiegħu kienet li ma jwaqqafx lill-ħaddiema li kellu jaħdmu miegħu fuq bażi permanenti. Tuttavia, l-esponenti qatt ma presta servizzi regolati taħt l-artikolu 2(1)(a), (b) u (ċ) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, Kap. 529 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, kif ġie ritenut qabel, li kieku l-esponenti jew *Odin Professional Services* ġew avviċinati għal servizzi regolati taħt l-imsemmi Kap. 529, hu kien se jirreferihom għal CPA's u CPAA's li magħhom kellu l-imsemmi ftehim verbali.

7. Illi fit-2 ta' Jannar, 2020, l-esponenti rċieva *email* mingħand l-*Enforcement Directorate* tal-Awtorità appellata fejn fiha talbuh jagħti spjegazzjoni dettaljata tal-attivitajiet u s-servizzi prestati minn *Odin Professional Services* f'Malta jew minn Malta.

8. Illi ftit jiem wara u ċioè fil-5 ta' Jannar, 2020, l-esponenti wieġeb lill-Awtorità appellata permezz ta' *email*, fejn fiha ta spjega ċara ta' dak minnu rikjest:

"*Further to our phone conversation and the letter attached kindly note that **<u>we do not offer any of those mentioned services</u> <u>ourselves</u>**, although we have the professional, competent and warranted staff we choose to **<u>outsource these services</u>** with other companies. We mainly choose to do so as it is more advantageous for us business-wise, and because **<u>we know that we cannot offer those services ourselves if we are not registered as a CSP.</u>***

*As mentioned above **<u>we have never submitted anything or signed anything in our name being Audits, Liquidations, Company formations, Tax Returns</u>** etc.*

*Should there be anything that we would need to do or change in order for us to be in line with your rules and regulations **<u>we will definitely do our utmost to comply</u>**.*"

9. Illi fit-2 t'April, 2020, l-esponenti rċieva *email* oħra mingħand l-*Enforcement Directorate* tal-Awtorità appellata fejn fiha talbuh ineħħi kwalsiasi referenza għal-"*licensable activities which fall under the remit of the MFSA from your website by no later than **<u>8 April 2020</u>**.*" Da parti tiegħu, l-esponenti wieġeb lill-Awtorità appellata fit-8 t'April 2020 bis-segwenti *email*:

"*Does this mean that if we make reference to our employees or partners (writing that "through our qualified and experienced partners and employees....") we could leave the mentioned paragraphs as they are?*"

Sussegwentament, fid-9 t'April 2020, l-Awtorità appellata weġbitu bis-segwenti *email*:

*"Please note that as stated in our letter, the provision of such services may only be conducted by licenced or authorised entities and individuals or persons exempt for requirements at law. You must therefore ensure that your website or other forms of promotion are not misleading in any way as to suggest that Odin is conducting financial services which it is to provide.*

*Therefore, you are requested to ensure that the licensed entity or individual which is authorised to provide the services which you promote on your website or who is otherwise exempt at law authorisation, and with whom you are claiming to have an agreement with, is clearly specified.*

*Additionally, please provide the Authority with the copies of the contract agreements between yourself and the authorised or exempt partners mentioned in your email."*

10. Illi peress li kif ġie ritenut fil-paragrafi preċedenti, l-esponenti kellu biss ftehim verbali u mhux bil-miktub ma' *accountants* pubbliċi ċertifikati (CPA) u *accountants* pubbliċi u awdituri ċertifikati (CPAA), hu wieġeb lill-Awtorità appellata bis-segwenti *email*:

*"I will see what is more advantageous for our business if to mention specifically with whom we are doing business or else to completely remove those paragraphs that you have previously mentioned in your emails. (when you say we have to mention who these persons or businesses are, can we mention them anywhere on our website?)*

*On the other hand,* ***we do not have any contracts in writing*** *as this is not something contractual cause like I previously said* ***when clients ask us for specific services we do not perform this work ourselves but we give it to our service providers***." 4

11. Illi ftit jiem wara, l-esponenti reġa' rċieva *email* mingħand l-Awtorità appellata fejn fiha talbuh "[to] *proceed with removing all references to such services from your website as soon as possible*". Da parti tiegħu, l-esponenti kkopera mill-ewwel billi weġibhom li "*I have notified my web development team to remove these mentioned paragraphs as soon as possible.*" u ftit jiem wara neħħa is-sit elettroniku tiegħu totali, liema sit għadu mneħħi s'issa.

12. Illi nonostante li l-esponenti kkopera mal-Awtorità appellata billi mhux neħħa biss r-referenzi minn fuq is-sit elettroniku tiegħu iżda s-sit elettroniku kollu, l-istess Awtorità baqgħet tinsisti għall-informazzjoni fuq l-individwi liċenzjati li magħhom l-esponenti kellu ftehim verbali. Min-naħa tiegħu, tenut kont tal-fatt li l-esponenti ma kellu l-ebda prova dokumentarja ossia kuntratt bil-miktub, hu ma seta' jagħti l-ebda prova ta' dan.

Inoltre, minħabba l-inċertezza ekonomika li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19, l-esponenti kien għaddej minn żmien ta' ħafna tibdil u ristrutturar, bir-riżultat li kellu *a constant turnover* ta' ħaddiema u professjonisti, bħal ħafna negozji oħra, u kien għalhekk illi l-esponenti ma kienx f'pożizzjoni li jagħti l-informazzjoni rikjesta.

13. Illi riċentament, u ċioè fit-23 ta' Novembru, 2020, l-esponenti kien qiegħed fuq l-*internet* meta *per caso* ra s-segwenti deċiżjoni fuq is-sit elettroniku tal-MFSA maħruġa kontrih, li qed tiġi appellata:

*The Malta Financial Services Authority ("MFSA") decided to proceed with imposing an administrative penalty of twenty-five thousand euros (€25,000) and directed Mr Clayton Formosa to cease the provision of any services which require prior*

*authorisation or registration from the MFSA, including the provision of Corporate Services Provider ("CSP") activities as defined under the applicable law.*
*BREACHES*

*The MFSA determined that Mr Clayton Formosa has acted in breach of Article 10(1) of the Company Service Providers Act (Cap 529 of the Laws of Malta) ("CSP Act").*

*REGULATORY ACTION*

*On 13 October 2020, the MFSA decided to impose an administrative penalty of twenty-five thousand euros (€25,000) in term of Article 16(3) of the MFSA Act in view of the breach of Article 10(1) of the CSP Act in view of his failure to provide requested information to the Authority. Moreover, the Authority has decided to direct Mr Formosa in terms of Article 16(2) of the MFSA Act to cease the provision of any services which require prior authorisation or registration from the MFSA, including the provision of CSP services as defined under the applicable law.*

*It should be noted that the MFSA's decision may be appealed before the Financial Services Tribunal within the period as prescribed by the applicable law.*

*PUBLICATION*

*This notice is being published as part of the Authority's standard enforcement policy and in terms of Article 16(8) of the Malta Financial Services Authority Act.*

14. Illi l-esponenti għadu sal-lum mhux notifikat b'mod uffiċjali u meta mar jistaqsi l-posta, huma qalulu li ma kellu ebda posta hemmhekk. Tant hu hekk li l-esponenti ta ruħu b'notifikat ftit tal-jiem ilu tramite r-rappreżentant legali tiegħu Dr Andrew Grima permezz t'*email* fis-26 ta' Novembru 2020.

***L-Aggravji***

Illi fl-umli fehma tal-appellanti, l-Awtorità appellata għamlet apprezzament żbaljat kemm tal-fatti kif ukoll tal-liġi fid-deċiżjoni tagħha u dan kif ser jiġi ampjament spjegat.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

***(a) L-ewwel aggravju – Fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorita' appellata applikat disposizzjoni tal-liġi ħażina ai temini tal-Artikolu 21(9)(a) tal-Att dwar l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap 330 tal-Liġijiet ta' Malta***

15. Illi fid-deċiżjoni tagħha, l-Awtorità appellata kienet tal-opinjoni li l-esponenti kiser l-Artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, Kap. 529 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

"*Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, l-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil kull persuna li tkun jew li kienet qegħda taġixxi, jew li tidher bħala li tkun jew li kienet qegħda taġixxi, bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji jew li kienet qegħda tipprovdi servizzi li jeħtieġu reġistrazzjoni skont dan l-Att, u kull persuna oħra li tidher li jkollha f'idejha informazzjoni rilevanti, li tagħmel kull ħaġa jew xi waħda minn dan li ġej: (a) li tgħaddi lill-Awtorità, f'dak iż-żmien u post u f'dik l-għamla skont ma din tista' tispeċifika, dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni skont ma din tista'tkun teħtieġ dwar kull attività bħal dawk kif hawn aktar qabel imsemmija; (b) li tgħaddi lill-Awtorità kull informazzjoni jew dokumentazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmija, u verifikati b'tali mod hekk kif din tista' tispeċifika;(ċ) li tattendi quddiem l-Awtorità, jew quddiem*

*persuna maħtura minnha, f'dak iż-żmien u post hekk kif din tista' tispeċifika, biex twieġeb għal xi mistoqsijiet u tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni dwar kull attività bħal dawk kif hawn aktar qabel imsemmija*."

16. Illi kif ġà ngħad, l-esponenti appellant spjega lill-Awtorità appellata li hu ma kellu l-ebda prova dokumentarja ta' xi kuntratt u / jew ftehim li seta' jippreżenta lill-istess Awtorità biex juri r-relazzjoni kuntrattwali tiegħu ma' *accountants* pubbliċi ċertifikati (CPA) u *accountants* pubbliċi u awdituri ċertifikati (CPAA) u dan stante li kif ġa ġie ritenut, l-esponenti kellu biss ftehim verbali magħhom, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta'dawn il-proċeduri anke permezz t'affidavits jew xhieda viva-voce tal-imsemmija *accountants* pubbliċi ċertifikati (CPA) u *accountants* pubbliċi u awdituri ċertifikati (CPAA).

17. Illi inoltre, in vista tal-inċertezza ekonomika li ġabet magħha l-imsemmija pandemija, speċjalment minn Marzu tal-2020 'l hawn, l-esponenti ġie rinfaċċjat b'sitwazzjoni fejn diversi professjonisti kellhom itemmu r-relazzjonijiet minn miegħu, bir-riżultat li ma setax jindika b'ċertezza lill-professjonisti li magħhom kellu relazzjoni kuntrtattwali verbali.

18. Illi f'kull każ, l-esponenti qatt ma kien jew qiegħed jaġixxi bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji u dan stante li kif spjega lill-Awtorità appellata, f'każ li hu jew *Odin Professional Services* kienu se jiġu avviċinati għal servizzi ta' *corporate services* regolati taħt l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, Kap. 529 tal-Liġijiet ta' Malta, hu kien se jirreferihom għal professjonisti liċenzjati ossia *accountants* pubbliċi ċertifikati (CPA) u *accountants* pubbliċi u awdituri ċertifikati (CPAA) li magħhom għandu l-istess ftehim.

19. Illi tenut kont tas-suespost, dan mhux każ li l-esponenti kiser il-provvediment preċitat, ossia l-Artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, Kap. 529 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda sitwazzjoni fejn kemm minħabba n-nuqqas ta' provi dokumentarji, kif ukoll minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija, l-esponenti ma setax iforni lill-Awtorità appellata bid-dokumentazzjoni meħtieġa.

***(b) It-Tieni aggravju – Id-deċiżjoni tagħha l-Awtorita' hija manifestament inġusta ai temini tal-Artikolu 21(9)(b) tal-Att dwar l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap 330 tal-Liġijiet ta' Malta***

20. Illi kif fuq espost u kif ser jirriżulta fil-mori ta'dawn il-proċeduri, l-esponenti kkopera bis-sħiħ u bl-aħjar mod li setà mal-Awtorità appellata sa mill-bidu li ġie kkuntattjat minnha f'Jannar tal-2020.

21. Illi b'hekk, u tenut kont tal-fatt illi (i) in-negozju tal-esponenti għadu fi stadju ta' *startup*; (ii) qatt ma presta servizzi liċenzjabbli taħt l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji, Kap. 529 tal-Liġijiet ta' Malta u (iii) peress li l-esponenti qed jagħmel minn kollox biex iżomm in-nies impjegati miegħu fi żmien daqstant ekonomikament prekarju minħabba l-pandemija, il-multa mposta hija, fl-umli fehma tal-istess esponenti, eċċessiva u manifestament inġusta.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost u filwaqt li jirriserva d-dritt li jagħmel dawk is-sottomissjonijiet u jressaq l-provi ammissibbli skond il-liġi, l-appellant qiegħed umilment jitlob lil dan l-Onor. Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata tat-13 t'Ottubru 2020.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità appellata."

Ra r-risposta imressqa mill-Awtorita Appellata li fiha qalet is-segwenti:

1. "llli din ir-risposta qed issir in segwitu tal-Appell intavolat mill-appellant fil-Uetin (30) ta' Novembru 2020 Ii gie intavolat bhala kontestazzjoni ghad-decizjoni mahruga mill-Awtorila' appellala fit-13 ta' Ottubru 2020 **('Decizjonl')** (kopja taghha linsab hawn annessa, ezebita u mmarkata Dok **MFSA 01};**

**Eccezzjoni Prellminari**

2. llli, fl-ewwel lok, i.Appell ipprezentat mUl-appeUant huwa null u bla effett ghaliex gie ntavolat tardivament u cioe' oltre t-tletin (30) jum kif stabbilit fl-artikolu 21(8) tal-Att Dwar I-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330 tal-Ligijiet ta' Malta) **('Att')** fejn jinghad b'mod car illi wiehed ghandu dritt jappella minn decizjoni jew azzjoni tal-Awtorita' appeUata sa mhux iktar tard minn tlelin (30) jum mid-data Ii d-decizjoni jew I-azzjoni tkun giet notifikata lill-persuna aggravata. Dan jfisser illi t-terminu ta' lletin (30) jum ghat- tressiq ta' appell huma dekorribbli min-notifika ta' I-att jew tad-decizjoni Ii dwarhom jkun qed jitressaq 1- appell. Fil-kaz odjem, I-appellant kien gie notffikat bid-Decizjoni tal-Awtorita' appellata fit-13 ta' Ottubru 2020 u dan permezz ta' email mibghuta lilt-appellant fl-istess gumata **(Dok MFSA 02).** Hekk kif jirrizulta mill-email *delivery report* **(Dok MFSA 03),** I-istess email intbaghtet u waslet ghand I-appellant kwazi istantanjament. Ghalhekk, effettivament fit-tlettax (13) ta' Ottubru 2020, I-appellant gie debitament, validament u legalment notifikat bid-Decizjoni tal-Awtorita' appellata. lmportanti Ii jinghad ukoll fdan 1- istadju illi I-appellant kien ilu jikkorrispondi ma' I-Awtorita' appellata permezz tal-indirizz elettroniku *'info@odin.com.mt'* ghal diversi xhur qabel ma ntbaghtitlu d-Decizjoni u qatt ma lmenta Ii ma rciviex xi korrispondenza minghancl I-istess;

3. llli minn naha I-ohra I-appellant jargumenta illi sar jaf bid-Decizjoni tal-Awtorita' appellata biss ghaliex fit-23 ta' Novembru 2020 kien qieghed fuq *I-Internet* u ra d-Decizjoni fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita' appellata. l-appellant jghid ukoll illi mar jiccekja I-posta u infurmawh illi ma kellhom ebda dokument ghalih meta fii.verita' 1-Awtorita' appellata mhux tam nnotifikat !ill-appellant bid-Decizjoni taghha permezz ta' email fit-13 ta' Ottubru 2020, izda talli ukoll baghtet kopja tad-Decizjoni taghha b'ittra registrata fl-14 ta' Ottubru 2020 **(Dok MFSA 04);**

4. llli tajjeb Ii jinghad ukoll Ii fid-decizjoni moghtija minn dan I-istess Tribunal fl-ghaxra (10) ta' Jannar 2018 fil-kawza fl-ismijiet *Hermione Bugeja vs L-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta,* it-Tribunal qal illi *"kulf notifika Ii ghandha ssir ghal finijiet ta' I-Arlikolu 21(8) tal-Kap. 330 ghandha ssir b'mezzi Ii huma idonji biex jippruvaw is-success tan-notifika, u d-data preciza meta twettqet tali notifika."* Osservazzjonijiet ohra maghmula minn dan it-Tribunal f din I-istess decizjoni kienu illi *"in-notifika hija ndispensabbli sabiex... it-terminu* [ta' tletin jum]jibda *ghaddej"* u Ii *"/-obbligu tan-notifika ... jimplika wko/1 Ii d..cJecizjoni tigi notifikata bil-miktub, bi/Ii guridikament, "notifika" tfisser proprju il-konsenja formali ta' aft miktub li/1-persuna destinata Ii tercevih, jew li/1-persuni awtorizzati jircievu I-aft ghafiha."*

5. llli fil-kaz odjern dawn I-kundizzjonijiet gew sodlsfatti minhabba Ii (i) I-emaif Ii ntbaghtet fit-tlettax (13) ta' Ottubru 2020 hija notifika bil-miklub; (ii) din I-istess email hi notifika mibghuta b'mezzi Ii kapaci jippruvaw il-kunsinna (delivery) tan-notifika (hekk kif jidher minn Dok MFSA 02); (iii) I-email irceviha I-persuna destinata Ii tirceviha (kif jidher minn Dok. MFSA 02 u Dok MFSA 03); (iv) I-indirizz elettroniku fejn intbaghtet I-email huwa I-indirizz elettroniku tat-appellant -1-istess indirizz elettroniku Ii uzat I-Awtorita' appellata kemm-il darba sabiex tikkommunika mal-appellant fil-passat. Ghaldaqstant, I-email Ii nlbaghtet fit-tlettax (13} ta' Ottubru 2020 mill-Awtorita' appellata lilt-appellant tikkostitwixxi notifika skond I-Artikolu 21(8) tal-Att u ghalhekk, it-terminu ta' tletin (30) jum imsemmi fl-istess sub-artikolu ghandu jitqies Ii beda jiddekorri fit-tlettax (13) ta' Ottubru 2020;

6.Illi in vista tas-suespost, I-Appell intavolat mill-appellant gie ppreientat *fuori termine* u cioe' wara Ii kien ghadda t-terminu ta' tletin (30) jum prefiss bil-ligi u ghandu jigi sommarjament michud bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

7.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fit-tieni lok, I-ewwel aggravju huwa wiehed fieragh, vessatorju u mhux legalment proponibbli kif pmpost mill-appellant al termini tal-artikolu 21(9)(a) tal-Att Dwar I-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap.330 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan kif ampjamenl spjegat fil-paragrafi numru 24 *et sequiturta'* din ir-risposla. Ghalhekk dan l-aggravju ghandu jilqies bhala null u bla effett;

8.IIN rninghajr pregudizzju ghas-suespost u fit-tielet lok, minkejja Ii fl-ahhar !al-Appell tieghu I-appellant qed jitlob Iii dan it-Tribunal jhassar, jirrevoka u jikkancella d-Decizjoni tal-Awtorila' appellata tat-13 ta' Ottubru 2020 fl-intier taghha, I-aggravp tat-appellant huma relatati esklussivament mal-kontestazzjoni tal-penati imposta mill-Awtorita' appellata u I-appellant imkien ma' jghid fiex jikkonsistu I-aggravji tieghu vis-a-vis id- direttiva Ii nharget mill-Awtorita' appellata, liema direttiva kienet inkluza fid-Decizjoni appellata. Illi ghaldaqstant I-Awtorita' appellata lissottometti illi dak Ii qed jigi appellat fil-proceduri odjemi huwa limitat biss ghall-penali mposta mill-Awtorita' appellata umhux ghad-direttiva Ii ukoll kienet inkluza fid-Decizjoni. Ghalhekk I-evalwazzjoni tat-Tribunal ghandha tkun limltata ghall-penali mposta mill-Awtorita' appellata biss;

**Fattl tal-Kaz**

9. IlliI-appellant Clayton Formosa kien qedjiggestixxi negozju bhala *sole tradertaht* I-lsem *Odin Professional Services;*

10. Illi I-Awtorita' appellata wettqet investigazzjoni minnhabba Ii kellha suspett illi I-appellant seta' kien qed jwettaq attivitajiet ta' provditur ta' servizz Iii kumpanniji minghajr registrazzjoni mal-Awtorila' appellata. Matul din I-investigazzjoni,l-Awtorita' appellata rrevedlet I-informazzjoniIi nstabet fuq is-sit elettroniku tal- appellant (hllps://odin.com.mt/our-servicesD kif ukoll il-pagna tal-midja socjali ta' Odin Professional Services (htlps://www.facebook.com/odinaccounlsl) fejn kienu qed jigu promossi lill-pubbliku numru ta' servizzi, fosthom *company formation services;*

11. Illi ghalhekk I-Awtorita' appellata baghtet ittra lift-Odin Professional Services ('Odin') datata it-tieni (2) ta' Jannar 2020 (ara Annex 2 tat-Minded Letter (Annex 1 tad-Decizjoni)) sabiex lispjega t-thassib taghha. B'mod specifiku ghamlet referenza ghas-sit elettroniku tal-appellant hltps://odin.com.mt fejn kien hemm miktub is-segwenti:

> ...*Here at Odin Professional Services, we understand that time is money and this is why we* commit *ourselves to prepare all the documentation required to set up a company within one week's time. Once the company* is *registered, we will obtain a VAT number, an Income Tax Number, an Employer Number, a PE Number and engaging the directors of the Campany are then the next steps to having the company ready ta commence trading in an operational set-up. We also provide directorship services, company secretary services and also can offer* a *registered address.·* (sottolinear tal-Awtorita' appellata) *(ara* Annex 1 tal-Minded Letter)

L-Awtorita' appellata ghalhekk talbet Iii Odin sabiex tipprovdi informazzjoni dettaljata u kompluta dwar I-attivitajiet kollha Ii Odin qed twettaq fMalta jew minn go Malta;

12. Illi I-appellant irrisponda ghal din I-ittra permezz ta' email {mill-istess indirizz elettroniku Ii fuqu I-Awtorita' appellata nnotifikatu bid-Decizjoni appellata) datata 1-5 ta' Jannar 2020 (ara Annex 3 !al-Minded Letter) u irrileva• *...we do not offer any ofthose mentioned services ourselves, although we have the professional, competent and waffanted staff we choose to outsource these services with other companies. We mainly choose to do* so *as it is more advantageous for us business-wise, and because we know that we cannot offer those services ourselves if we are not registered as a CSP. As mentioned above we have never submitted anything or signed anything in our name being Audits, Liquidations, Campany Formations, Tax Returns etc."*

13. U li in segwitu tal-email sucitata, 1-Awtorita' appellata baghtet ittra ohra datata it-lieni (2) ta' April 2020 lill- appellant tissenjala illi certu informazzjoni Ii tinsab fuq is-sit elettroniku https:1/odin.com.mt kif ukoll il- manjiera ta' kif qed tigi prezentata din I-informazzjoni taghti I-impressjoni illi Odin tista tkun qed tipprovdi, *inter alia, corporate services* . L-Awtorita' appeUata ssenjalat ukoll illi minkefia I-fat! illi 1-appellant argumenta illi dawn is-servizzi jitwettqu minn terzi persuni/kumpaniji, dawn I-istess terzi ma jissemmewx fuq is-stt elettroniku in kwisljoni. Ghalhekk 1-Awlorita' appellata talbet IiII-appellant •*...to remove all reference to the licensable activities explained above or any other licensable activities which fall under the remit of the MFSA from your website by no later than 9 April 2020. Should you fail* to *comply with the above request the Authority will consider taking any regulatory action it may deem fit."* (ara Annex 4 tal- Minded Letter)

14. Illi I-appellant wiegeb lill-Awtorita' appellata permezz ta' email datata t-8 ta' April 2020 bis-segwenti: "*...Does this mean that if we make reference* to *our employees* or *partners (writing that "through our qualified and experienced partners and employees ") we could leave the mentioned paragraphs as they are?"* **(Dok MFSA 05);**

15. Illi fid-9 ta' April 20201-Awtorita' appellata baghtel email ohra !ill-appellant (ara Annex 5!al-Minded Letter) din id-darba sabiex titolbu kopja tal-kuntratti Ii saru bejnu ubejn terzi persuni/kumpaniji Ii joffru *corporate services* : • *Please note that as stated in our fetter, the provision of such* services *may only be conducted by /icenced or authorized entities and individuals or persons exempt from such requirements at law. You must therefore ensure that your website* or *other forms of promotion are not misleading in any way as* to *suggest that Odin is conducting financial services which it* is *not authorized to provide.* The*refore, you are requested to ensure that the licensed entity* or *individual which is authorized* to *provide the services which you promote on your website or who is otherwise exempt at law from such authorization, and with wham you are claiming to have an agreement with,* is *clearly specified. Additionally. please provide the Authority with the copies of the contract agreements between yourself and the authorized or exempt partners mentioned in rour email.*·

16. Illi I-appellant sussegwentement rega' kkomunika lura mal-Awtorita' appellata fl-20 ta' April 2020 pennezz ta' email (ara Annex 9 !al-Minded Letter) fejn iddikjara dan Ii gej: *"...I will see what* is more *advantageous for our business if to mention specifically with whom we are doing business* or *else to completely remove those paragraphs that you have previously mentioned in your emails...On the other hand, we do not have any contracts in writing* as *this is not something contractual cause like* I *previously said when clients ask* us *for specific services we do not perform this work ourselves but we give it to our setvice providers.•*

17. Illi in segwitu ta' dan, fl-24 ta' April 2020 I-Awtorita' appellata regghet ikkorispondiet mal-appellant (ara Annex B tad-Decizjoni) u talbet ghal darb'ohra Ii tinghata I-infomazzjoni tal-entitajiet jew I-individwi licenzjati Ii I-appellant qed jirreferilhom xoghol relatat ma' *corporate* services: *"Thank you for your email, as stated in our communications below, the provision of such services may only be conducted*

*by licenced* or *authorized entities and individuals or persons exempt from such requirements at law. You must therefore ensure that your website* or *other forms ofpromotion are not misleading in any way as to suggest that Odin* is *conducting financial services which it is not authorized* to *provide. Given the fact that neither Odin or yourself are in the possession of an MFSA ficence and you have not communicated to the MFSA that you or Odin fall under any exemptions at law as explained below or hold any contractual agreements with an* MFSA *licenced entity or individual, please proceed with removing all references* to *such services from your website* as soon as possible but not later than 1 *May*. Additionallv, regarding your enquiry. *please provide the MFSA with the name* of *such licensed individual* or *entity*."(sottolinear tal-Awtorita' appellata)

18. lIli madanakollu, sa xahar wara, din I-informazzjoni baqghet ma gietx fornlta lill-Awtorita' appellata u wisq anqas ma kienu tnehhew il-kWem Ii kien hemm miktuba fuq is-sit elettroniku !J!!Qs://odin.com.mJ u Ii I-Awtorita' appellata talbet !ill-appellant biex inehhi:

    Email datata 1-14 ta' Meuu 2020 mibghuta mill-appellant lill-Awtorita' appellata : "...*As for the individuals and companies we work with, there are quite a few and yet again we always check for better rates and services so we are open to work with every firm* or *individual who is willing to.*• (ara Annex 10 !al-Minded Letter)

    Email datata 1-20 ta' Mejju 2020 mibghuta mill-appellant lill-Awtorita' appellata: "...*May I* ask *you why you need the names of these individuals or companies? ft is not that I* do *not want to give you the information but because as I previously said we work with many firms and we are not limited or bound by any contract to work specifically and only with one* or *a set of companies or individuals.*· (ara Annex 11 tal-Minded Letter)

    Email ohra mibghuta mill-appellant lili.Awtorita' appe1lata fl-20 ta' Mellu 2020 : "...*As for providing data, I would have to speak* to *my legal team in order* to *see if f can disclose any information* to *third parties especially without* a *reason why.* I *will also have to talk with our services providers about this as I think it is only ethical* to *do so. f do not mean to be difficult and as you can see f only want to regularize oursefves and comply but I want* to *be totally sure that it is within my power to* do so.•(ara Annex 12 tal-Minded Letter)

19. Llli l-Awtorita' appellata permezz ta' ittra datata 1-15 ta' Gunju 2020 (ara Annex 6 tal-Minded Letter) regghat talbet lilt-appellant (ghall-darba ohra) jipprovdi I-ismijiet tal-individwi jew I-entitajiet Ii provdew *company service provider services* Ii qabel kienu promossi lill-pubbliku fuq is-sit elettroniku !al-appellant lffacjat b'din I-ennezima talba tal-Awtorita' appellata biex jipprovdlha bl-informazzjoni rikjesta, I-appellant fdaqqa wahda saqsa lill-Awtorita' appellata sabiex tispjegalu x'dokumenli ghandu bzonn ihejji biex ikun jista' jirregistra Iii Odin bhala provditur ta' servizz Iii kumpanniji ai termini tal- Att dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji (Kap 529 tal-Ligijiet ta'Malta) (ara Annex7 !al-Minded Letter). L-ghada (ucioe' fis-16 ta' Gunju 2020) I-appellant nforma lill-Awtorita' appellata illi *"...we have never yet used someone's services thus there are no names for us to supply you with as at today."* (ara Annex B tal-Minded Letter);

20. lIli I-Awtorita' appellata baghtet ittra datata s-6 ta' Awissu 2020 !ill-appellant (ara Annex 1 tad-Decizjoni) sabiex tinfurmah illi in vista' tal-fatt illi huwa ma pprovdiex 1-informazzjoni rikjesta minnu (minkejja diversi interpellazzjonijiet) I-Awtorita' appellata behsibha liehu azzjoni regolatorja fil-konfront !al-appellant u dan ai termini tal-Att Dwar I-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330 tal-Ligijiet

ta' Malta) u tal- Att dwar Provdituri ta' Servizz IiiKumpanniji (Kap. 529 tal-Ligijiet ta' Malta).11-penali proposta mill-Awtorita' appellata f dan is-sens kienet dik ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€ 25,000) ai termini tal-artikolu 16(3) tal- Att Dwar I-Awtorita' Ghas-Servizzi Flnanzjarji ta' Malta. L-appellant inghata I-opportunita' jibghat is- sottomissjonijiet tieghu fi zmien tletin (30) jum mid-data tal-ittra fdan ir-rigward. Fl-istess ittra I-appellant gie infurmat ukoll illi ai termini tal-artikolu 16(2) tal-Att Dwar I-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, 1-Awtorita' appellata behsibha tordna I-appellant sabiex jieqaf milli jipprovdi kwalunwke servizzi Ii jehtiegu awtorizzazzjoni jew registrazzjoni mal-Awtorita' appellata, inkluz Ii ppprovdi **servizzi** ta' *corporate service provider.* L-appellant inghata I-opportunita' jibghat is-sottomissjonijiet tieghu fi zmien sebat ijiem mid-data tal-ittra fuq dan ii-punt;

21. Illi 1-appeUant baghat is-sottomissjonijiet lieghu lill-Awtorita' appellata permezz ta' ittra datata t-13 ta' Awissu 2020 (ara Annex 2 tad-Decizjoni) u fast diversi affarijiet (a) argumenta illi meta1-Awtorita' appellata staqsietu jnehhi I-informazzjoni minn fuq is-sit elettroniku https:/lodin corn mt huwa ghamel dan minnufih (izda mill-korrispondenza fuq citata johrog bic-car Ii dan mhuwiex il-kaz) (b) sostna illi I-appellant mhu jipprovdi I-etxla servizz Ii jehtieg awtorizzazzjoni mill-Awtorita' appellata u (c) sostna Ii ma kisirx id- dispozizzjonijiet tal-artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji (Kap. 529 tal-Ugijiet ta' Malta) ghaliex hu ghadda I-informazzjoni kollha Ii kellu a dispozizzjoni tieghu;

22. Illi 1-Awtorita' appellata harget id-Decizjoni finali taghha datata t-13 ta' Ottubru 2020 (ara Dok MFSA 01) fejn essenzjalmenl gie deciz illi I-appellant kiser I-artikolu 10(1) tal-Att Dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji (Kap. 529 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma pprovdix lill-Awtorita' appellata bl-informazzjoni rikjesta minnha u ghalhekk I-Awtorita' appellata mponiet penali amminislrattiva ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€ 25,000) ai termini tal-Att Dwar I-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330 tal-Ugijiet ta' Malta. L-Awtorita' appellata ordnat ukoll 1111-appellant sabiex jiddessisli milli jipprovdi servizzi Ii jehtiegu I-awtorizzazzjoni jew registrazzjoni mal-Awtorita' appellata, inkluz 1-provizjoni ta' servizzi ta' *company service provider;*

**Fil-Mertu**

23. Illi s-sottomissjonijiet Ii ser jsiru fuq il-mertu tal-kaz huma minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari gia sollevati;

24. Illi I-ewwel aggravju !al-appellant qed isir ai termini tal-artikolu 21(9)(a) tal-Att Dwar 1-Awtorita' Ghas- Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap.330 tal-Ligijiet ta' Malta) u si tratta dwar I-allegazzjoni illi fid-Decizjoni taghha I-Awtorita' appellata applikat dispozizzjoni tal-ligi hazina meta tenniet illi I-appellant kiser I-artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji (Kap. 529 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi fil-fehma tal- Awtorita' appellata dan *1-aggravju* huwa wiehed fieragh, vessatorju u mhux proponibbli ghar-ragunijiet elenkati hawn isfel;

25. Illi 1-ewwel u qabel kollox, I-artikolu 21(9)(a} tal-Att Dwar 1-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jghid dan Ii gej:

> *"/f.fa/ba ghad-decizjoni fat-Tribunal ghandha tkun, ghar-ragunijiet migjuba mill-appellant - (a) jekk 1-awtorita' kompetenti tkunx fid-decizjoni taghha, applikat hazin xi wahda mid- dispozizzjonijiet ta' dan1-Att...•*

26. Illi ghalhekk aggravju msejjes taht dan I-artikolu jirrikjedi Ii I-Awtorita' appellata allegatament tkun applikat

hazin wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap.330 tal- Ligijiet ta' Malta), mentri I-appellant qed jallega illi l-Awtorita' appellata applikat hazin disposizzjoni tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji (Kap. 529 tal-Ligijiet ta' Malta} *cioe'* I-artikolu 10(1). Ghalhekk dan l-aggravju mhux legalment proponibbli in vista' tal-artikolu 21(9)(a) tal-Att Dwar l-Awtorita' Ghas- Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Semmai, jekk I-appellant ried jargumenta illi l-Awtorita' appellata kienet ingusta mieghu meta stqarret Ii kiser l-artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji (Kap. 529 tal-Ligijiet ta' Malta) I-appellant imissu sejjes danl-aggravju ai termini tal-artikolu 21(9)(b) tal-Att Dwar l-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta Ii jghid: *·lt-talba ghad-decizjoni tat-Tribunal ghandha tkun, ghar-ragunijiet migjuba mill-appellant ...(b) jekk id-decizjoni tal-awtorita' kompetenti tikkostitwix abbuz ta' diskrezzjoni jew tkunx ingusta manifestamenr* kif eventwalment wara kollox ghamel I-appellant permezz tat-tieni aggravju tieghu;

27. llli, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk dan l-Onorabbli Tribunal ser jaccetta illi dan l-aggravju huwa legalment proponibbli, l-Awtorita' appellata tishaq illi mhuwiex minnu Ii applikat dispozizzjoni tal-ligi hazina fld-Decizjoni taghha meta sabet ksur tal-Artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji (Kap 529 tal-Ligjiet ta' Malta) kif qed jallega I-appellant;

28. llli ghal kull buon fini I-artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji (Kap. 529 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid hekk:

> •... *J-Awtorita tista', b'avvit bil-miktub, tefltieg Iii kufl persuna Ji tkun jew Ii kienet qegflda tagixxi, jew Ii tidher bflala Ii tkun jew Ii kienet qegflda tagixxi, bflala provditur ta' servizz Iii kumpanniji jew Ii kienet qegflda tipprovdi* servizzi *Ii jefltiegu registrazzjoni skont dan 1-Att, u ku/1 persuna onra Ii tidher Ii jkollha f idejha informazzjoni rilevanti, Ii tagflmel kulf naga jew xi wal'lda minn dan Ii gej:*
>
> ***(a)*** *Ii tgfladdi lill-Awtorita, fdak it-imien u post u fdik 1-gflamla skont ma din tista' tispetifika, dik l-informazzjoni u dokumentazzjoniskont ma din tista' tkun tefltieg dwar kuff attivita bflal dawk kif hawn aktar qabel imsemmija;*
>
> *(b) Ii tgfladdi lilf-Awtorita kull informazzjoni jew dokumentazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmlja, u verifikati b'tali mod hekk kif din tista' tispecifika;*
>
> *Ii tattendi quddiem l-Awtorita, jew quddiem persuna maf'ltura minnha, fdak ii-tmien u post hekk kif din tista' tispecifika, biex twiegeb gflal xi mistoqsijiet u tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni dwar kull attivitiJ bnal dawk kif hawn aktar qabel imsemmija.*

29. llli I-Awtorlta' appellata fdan il-kaz ghamlet propju dak Ii hu mistenni minnha fl-artikolu si citata. Gialadarba I-argument !al-appellant fl-ewwel aggravju huwa illil-Awtorita' appellata allegatament applikat dfspozizzjoni tal-ligi hazina fid-Decizjoni taghha allura wiehed jistenna Ii fdin I-istanza I-appellant kellu (i) jindika liem hu l-artikolu il-propja Ii kellu jigi nvokat mill-Awtorita' appellata minflokk l-imsemmi artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji u kif ukoll (ii) jispjega bl-liema mod u manjiera I- Awtorita' appellate applikat I-Artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji b'mod hazin;

30. llli, bis-sahha tal-poteri moghtina lill-Awtorita' appellata ai temiini tal-artikolu 10(1) tal-Att dwar

Provdituri ta' Servizz Iii Kumpanniji, 1-Awtorita' appellate talbet !ill-appellant sabiex jipprovdi 1-informazzjoni rikjesta bosta drabi fosthom:

(i) Pemiezz ta' ittra datata t-2 ta' Jannar 2020 fejn I-Awtorita' appellata talbet infomiazzjoni dettaljata u kompluta dwar I-attivitajiet koMha Ii Odin Professional Services kienet qed twettaq fMalta jew minn go Malta (Annex 2 !al-Minded Letter);

(ii) Permezz ta' email datata d-9 !'April 2020 fejn I-Awtorita' appellata talbet kopja tal-kuntratti Ii saru bejn I-appellant u bejn individwi/entitajiet licenzjati mill-Awtorita' appellata jew Ii jaqghu taht I- ezenzjonijiet stipulati fil-lfgi Ii Joffru servizzi ta' *company service provider* u Ii kienu prornossi fuq is-sit elettroniku !al-appellant (Annex 5 tal-Minded Letter);

(iii) Permezz ta' email datata 1-24 ta' April 2020 fejn 1-Awtorita' appellata talbet Ii tinghata I-ismijiet tal-entitajiet jew I-lndividwi licenzjati Ii I-appellant qed jirreferilhom xoghol relatat ma' *corporate services* (Annex 8 tad-Decizjoni);

(iv) Pemiezz ta' ittra datata 1-15 ta' Gunju 2020 fejn1-Awtorila' appellata regghat ghal darb'ohra talbet lill-appellant sabiex jipprovdi I-ismijiet tal-individwi jew I-entitajiet Ii provdew *company service provider services* Ii qabel kienu promossi lill-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-appellant (Annex 6 tal-Minded Letter);

Nonostante d-diversi interpellazzjonijiet Ii sarulu, I-appellant dejjem kien evaziv fi kliemu u baqa' qalt ma pprovda 1-inforrnazzjoni lilu miUuba mill-Awtorita' appellata;

31. Illi I-appellant jargumenta illi bil-pandemija kien hemm diversi professjonisti Ii temmu r-re1azzjoni minn mieghu bir-rizultat Ii ma setax jindika b'certezza dawn il-professjonisli. M'ghandniex xi nghidu Ii dan I- argument ma jreggix. Xejn ma kien qed jwaqqaf !ill-appellant milli jipprovdi lill-Awtorita' appellata ghallinqas lista indikattiva ta' dawn il-professjonisti(hekk kif kien gie miitlub rninnu mill-Awtorita' appellata) u sussegwentement seta' jinforna lill-Awtorita' appellata meta jkun hemm xi tibdil jew tintemm xi relazzjoni ma' dawn 1-istess professjonisti;

32. Illi t-tieni aggraviu !al-appellant qed isir ai termini tal-artikolu 21(9)(b) tal-Att Dwar 1-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u si tratta dwar I-allegazzjoni illi I-Awtorita' appellata kienet manifestament ingusta fid-Decizjoni taghha;

33. Illi I-ewwel argument !al-appellant huwa illi hu deuem ikkopera mal-Awtorita' appellata meta talbitu jipprovdi xi informazzjoni. MadanakoUu fuq dan I-argument huwa bizzejjed Ii wiehed jara I-fatti su elenkati blex jinduna Ii dan ma kienx minnu:

a. Meta f Jannar 2020 Odin Professional Services giet mttluba sabiex tipprovdi informazzjoni dettaljata u kompluta dwar 1-attivitajiet kollha Jiqed twettaq fMalta jew minn go Malta, I-appellant spjega biss illi hu ma joffrix servizzi ta' *company service provider* ghax mhuwiex registrat mal- Awtorita' appenata u Ii dan ix-xoghol jaghddih IUl-

terzi. L-appellant baqa ma' pprovdiex lill- Awtorita' appellata b'informazzjoni dettaljata u kompluta dwar I-attivitajiet kollha Ii twettaq Odin Professional Services kif kien millub Ii jaghmel;

b. Meta f April 2020 I-appellant gie midub jfomi kopja tal-kuntratti Ii hu kellu ma' dawn 1-allegati persunVenlilajiet licenzjati mill-Awtorita' appellata jewIi jaqghu taht 1-ezenzjonijiet stipulati fil-ligi, I-appellant irrisponda illi dawn il-kuntratti ma jezistux ghaliex kellu biss ftehim verbali . L-appellant seta' facilment ipprezenta sensiela ta' emails jew dikjarazzjoni guramentata fomita minghand dawn I-allegali terzi persuni, sabiex juri kif kien isir dan ix-xoghol, jekk ma kellux kuntratt vigenli bil-miktub. Huwa inutli Ii jfomi dawn I-affidavits fdan 1-istadju - wara Ii1-Awtorila' appellata talbet din I-informazzjoni ripetutament minghandu u wara silt xhur tistenna fix-xejn hadet id-Decizjoni taghha;

c. Meta f April 2020 I-appellant gie mttlub jforni 1-ismijiet tal-allegati terzi Ii jahdem maghhom, it- twegiba tal-appellant kienet sempliciment illi jahdem ma hafna minnhom, Ii ghandu jikkonsulta t-tim legali tieghu dwar jekk jistax jipprovdi dik I-informazzjoni u Ii ghandu jara jekk 1-istess terzi jawtorizzawhx Ii jipprovdi din 1-informazzjoni lill-Awtorita' appellala. L-informazzjoni mitluba mill-Awtorita' appellata baqghet sal-gumata tal-llum qatt ma giet ipprezentata;

d. F'Gunju 2020 I-appellant biddel 1-verzjoni tieghu kompletament u fdaqqa wahda stqarr illi " *please note that we have never yet used someone's services thus there are no names for us to supply you with* as *at today."(Annex 11 tad-Decizjonl)* . F'dan ir-rigward tajjeb Ii jinghad illi kien I-appellant stess illi nforma lill-Awtorita' appellata Ii *"...we do not offer any of those mentioned services ourselves, although we have the professional competent and warranted staff, we choose to outsource these services with other companies* "(Annex 3 tal-Minded Letter u Annex 5 lad-Oecizjoni) u Ii" ... *we do not have any contracts in writing when clients ask us for specific services we do not perlorm this work ourselves but we give it to our* ***service providers"*** (Annex 9 of the Minded Letter). Minkejja dawn id-dikjarazzjonijiet cari u repetuli minn naha tal-appellant, Ii I-appellant kien filfatt jghaddi dan it-lip ta' xoghol Iii terzi, I-appellant baqa' sa1-gurnata tal-llum ma pprovdiex 1-informazzjoni mitluba repulatment mill- Awtorita' appellata;

34. IlliI-appellant jargumenta ukoll illi n-negozju tieghu kien ghadu fi stadju ta' *starl up.* Dan I-argument mhux talli ma jiggustifikax ir-raguni ghalfejn I-appellant ma pprovdix I-informazzjoni mitluba minnu mill-Awtorita' appellanta imma talli huwa inverilier ghall-ahhar. L-appellant jghid fl-appell lieghu illi ilu jipprovdi servizzi tramite *t-trade name* ta' Odin *"ghat dawn I-ahhar sentejn"* izda mill-profil tal-appellant fuq *Linkedln* jirrizulta illi ilu *Chief Executive Officer* ta' Odin ghal dawn 1-ahhar hames snin (Annex 4 tad-Decizjoni);

35. lllli m'ghandix xi nghidu lil-appellant jressaq argumenti ohra li huma fiergha. L-appellant jargumenta fast ohrajn illi minhabba l-pandemija ma kellux cans japplika ma l-Awtorita' appellata ghall-registrazzjoni bhala *company service provider* minkejja lidawn l-applikazzjonijiet baqghu jigupprocessati tu! din is-sena kollha mill-Awtorita' appellata;

Illi in konkluzjoni Awtorita' appellata tissottometti illi l-penali mposla minnhabba l-ksur tal-Artikolu 10(1) tal-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji (Kap 529 tal-Ligijiet ta' Malta) hija altru milli gusta u ragonevoli tenut kont ta' dak kollu su spjegat. L-appellant kellu bizzejjed zmien biex iforni l-informazzjoni mitluba minnu u kull meta rrisponda lill-Awtorita' appellata kien evaziv fi kliemu u baqa qatt ma pprovda ebda mill-informazzjoni lilu mitluba mill-Awtorita' appellata;

36. llli finalment id-Decizjoni tal-Awtorita' appellata hija wahda gusta u timmerita konferma fl-intier taghha.

Ghaldaqstant l-Awtorita' appellata tillob lil dan l-Onorabbli Tribunal jichad l-appell imressaq mill-appellant, bl- ispeliez kontra tieghu, u sabiex jikkonferma d-Decizjoni tal-Awtorita' appellata."

Ra id-dokumenti u l-provi sottomessi mill-partijiet;

Ra is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Sema lill-partijiet jiddikjaraw li ma kellhom xejn izjed xi jziedu fuq dak minnhom sottomess bil- miktub, u ra li l-appell gie differit ghall-lum sabiex jigi deciz;

Ra' l-atti kollha tal-kaz

*Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:*

**A. *Eccezzjoni Preliminari:***

1. Illi bhala eccezzjoni ta' natura preliminari, l-istess Awtorita resqet l-eccezzjoni illi l-appell interpost kien tardiv stante li d-decizjoni li minnha sar l-appell kienet giet "notifikata" lill-Appellanta permezz ta' email tat- 13 ta' Ottubru 2020, u ghaldaqstant, l-istess appell kien tardiv ghaliex skond dak li jipprovdi l-artikolu 21(8) tal-Kap. 330, l-istess appell kellu jigi pprezentat fi zmien tletin (30) gurnata minn meta l-istess decizjoni tigi notifikata ("notified") lill- persuna aggravata.

2. Illi l-istess Awtorita esebit, flimkien mar-risposta tgahha ghall- Appell l- email tat- 13 ta' Ottubru 2020 tramite liema intbghatet id-Decizjoni lill- Appellant fuq l-email

address *info@odin.com.mt*, (Dok. MFSA02) kif ukoll emila delivery report (Dok. MFSA 03) li juri illi din l-email intbghatet u giet delivered.

3. Illi l-artikolu 21(8) tal-Kap. 330 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

   *Appell magħmul skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9) lit-Tribunal għandu jsir bil-miktub fejn jiġi spjegat ċar il-motiv għal dak l-appell sa mhux iktar tard minn tletin jum mid-data li d-deċiżjoni jew l-azzjoni fil-kwistjoni tkun ġiet notifikata lill-persuna aggravata, u t-Tribunal għandu jittratta kull kwistjoni quddiemu bl-akbar urġenza u għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien.*

4. Illi mill-provi imressqa jirrizulta illi din l-istess decizjoni kienet inkluza bhala attachment f' email mibghuta fuq l- email address li fuqu l-Awtorita dejjem kienet tikkorisspondi ma' l-Appellant u cioe:

   *info@odin.com.mt*

5. Illi l-Appellant jargumenta illi huwa sar jaf bid-Decizjoni meta incidentalment ra illi din id-Decizjoni kienet fuq il- website ta' l-Awtorita u cioe fit- 23 ta' Novembru 2020, u meta mar jara jekk kienx hemm xi posta registrata f' ismu mal- Maltapost, dawn qalulu li ma kellhom xejn.

6. Illi fl- email tat- 13 ta' Ottubru 2020, l-Awtorita infurmat lill- Appellant illi kienet qed tallega id-Decizjoni flimkien ma numru ta' dokumenti ohra. Infurmatu ukoll illi *"Original letter will be sent by registered mail"*. Intqal ukoll illi l-attachments li kienu diga ghand l-Appellant bhala parti mill- Minded letter ma kienux ser jintbghatu bil- posta.

7. Illi mhux ikkontestat ukoll illi l-Awtorita fil-fatt bghatet din-id-Decizjoni permezz ta' posta registrata mibghuta fl- 14 ta' Ottubru 2020. Illi skond Dok. MFSA04, tali ittra giet notifikata fis-17 ta' Novembru 2020.

8. Filwaqt li l- Awtorita esebiet email delivery report, l- Appellant donnu jindika illi l-ewwel darba li sar jaf bid-decizjoni kien meta accede is-sit ta' l-Awtorita u ra li id-Decizjoni kienet giet ippublikat;

9. Illi l-Appellant ma ressaq l-ebda prova dwar l-email in kwistjoni, u dwar jekk l-istess email effettivament gietx ricevuta. Hadd ma tressaq jixhed dwar dan, allavolja ma tressqet l-ebda kontestazzjoni mill-ebda parti dwar il-veracita tad-Dokumenti MFSA02 u MFSA03 annessi mar-risposta ta' l-Awtorita.

10. Illi l- Awtorita issostni illi hija mexiet mal- Ligi u kommunikazzjoni tad-Decizjoni tramite email kella titqies bhala sufficenti;

11. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, il-kwistjoni f' dan il-kaz m' hijiex jekk intbghatitx email bid-decizjoni. Il-kwistjoni li holqot din il-vertenza hija il-procedura u d-dicitura uzata fl-email li kienet tghid, fost l-ohrajn, hekk:

*Original letter will be sent by registered mail*
***Kindly acknowledge receipt.***

12. Illi l-Awtorita mhux biss tablet konferma minn min ircieva l-email, izda ukoll indikat bic-car illi l-"original" ta' l-istess decizjoni kienet se tintbghat bil-posta registrata.

13. Illi l-istess Decizjoni fil-fatt hija indirizzata b' mod tradizzjonali (fejn hemm indikat bhala l-indirizz postali l-indirizz ta' l-Appellant) kif ukoll hemm indikazzjoni li l-istess qeghdha tintbghat bl-email.

14. Illi it-Tribunal certament ma jistax jiccensura lill-Awtorita li adoperat procedura doppja ta' notifika. Lanqas ma jista jkun iccensurat l-operat ta' l-Awtorita li fis-sena 2020 tikkomunika permezz tal-posta elettronika. Huwa principju accettat illi fir-realta tallum, il-mezz tal-posta elettronika huwa ikkunsidrat bhala mezz adegwat u effettiv li bih wiehed jikkomunika, anke materji ta' natura serja.

15. Izda minn naha l-ohra hawn qeghdin nitkellmu fuq Decizjoni, li minnha jiskattaw numru ta' konsegwenzi, drittijiet u obligazzjonijiet serjissimi, fosthom id-dritt ta' Appell quddiem dan it-Tribunal.

16. Illi allura, dak li jrid jizhen it-Tribunal huwa id-dritt li l-Appellanta tkun tista tappella mid-decizjoni, mal-formalita li biha l-istess decizjoni giet notifikata.

17. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, l-indikazzjoni mill-istess Awtorita, illi d-decizjoni "originali" ser tintbghat bil-posta registrata, setghat wasslet sabiex wiehed jqis il-kommunikazzjoni bl-email bhala kommunikazzjoni informali, mentri dik formali, u cioe dik li minnha jiskattaw id-drittijiet jew anke l-obbligi, kienet dik li ser tasal bil-posta registrata.

18. Illi dan l-argumenti huwa ukoll sostnut mill-fatt illi l-Awtorita taghzel li tibghat l-istess decizjoni kemm bl-email kif ukoll bil-posta registrata kontestwalment, u mhux, per ezempju, id-decizjoni tintbghat bl- email l-ewwel, u jekk ma tkunx giet acknowledged, allura tintbghat bil-posta registrata. U il-fatt li l-istess Awtorita taghzel li tibghat l-istess decizjoni b' mod formali u tradizzjonali tal-posta registrata hija ukoll, in parte, indikazzjoni li anke l-istess Awtorita tirrikonoxxi certu importanza lill-din it-tip ta' notifika. Illi it-Tribunal jerga itenni illi din m' hijiex xi censura ghall-mod li bih abbitwallment tipprocedi l-istess Awtorita, izda minn dan il-kaz, fl-opinjoni tat-Tribunal, johrog bic-car illi l-Awtorita tehtieg ili thares sew lejn il-proceduri minnha adoperata, u jekk l-istess proceduri, specjalement il-mod li bih decizjonijiet jigu ufficjalment notifikati, ghandhomx ikunu sahansitra regolati b' mod car permezz ta' regolamenti jew regoli formali li ghandhom ikollhom anke libsa legali.

19. Illi dan it-Tribunal diga kellu l-okkazjoni li jitratta materja pjuttost simili fl- appell fl-ismijiet J.D. Capital plc vs. Malta Financial Services Authority (Appell numru 6/20) u jhoss illi anke hawn ghandu jaghti il- beneficcju tad-dubju lill- Appellant, stante li kif diga inghad izjed qabel, hawn si tratta ta' decadenza tad-dritt ta' Appell minn Decizjoni ta' l-Awtorita.

20. Illi tenut kont tac-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi l-elementi kollha li huma rilevanti ghal dan il-kaz jindikaw illi ma jkunx opportun jew gust illi l-Appellant jiccahhad minn dritt li jressaq appell minn tali decizjoni, meta huwa ressaq l-appell tieghu fi zmien tletin gurnata minn meta irceviet l-istess decizjoni permezz tal-posta registrata, jew minn meta il- konsulent legali ta' l-istess ta ruhhu b' notifikat bid-Decizjoni, kif jallega l-Appellant.

Ili in vista tal-premess, u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita Appellata, u tqis illi l-istess appell gie interpost skond il-Ligi.

***B. Aggravji fil- Mertu:***

21. Illi fil- mertu l-Appellant iressaq zewg aggravji u cioe:

a. L-Awtorita Applikat disposizzjoni hazina tal- Ligi ai termini tal- Artikolu 21(9)(a) tal- Kap 330 meta qieset illi l-Appellant kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 10(1) tal- 529 tal- Ligijiet ta' Malta; u
b. Id-Decizjoni ta' l-Awtorita hija manifestament ingusta ai termini tal- Artikolu 21(9)(b) tal- Kap. 330 tal- Ligijiet ta' Malta;

22. Illi fuq l-Ewwel Aggravju, u cioe l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(1) tal- Kap. 529, l-Appellant jargumenta illi huwa ma kellux dokumenti x' jghaddi lill- Awtorita sempliciment ghaliex tali dokumenti ma kienux jezistu. Jghid ukoll illi huwa kellu biss ftehim verbali ma numru ta' professjonisti fis-sens illi meta u jekk jigi avvicinat biex joffri servizz li huwa regolat skond il- Kap. 529, huwa kien jirreferi tali xoghol lill numru ta' professjonisti "regolati" skond il- Kap. 529. Izda dan kollu kien fuq arrangamenti informali u verbali. Illi da parti taghha l- Awtorita tghid illi l- Artikolu 10(1) tal- Kap. 529 huwa dritt li l- Awtorita ghandha li titlob informazzjoni.

23. Illi skond l-Artikolu 10(1) tal- Kap. 529:

> *10.(1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, l-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil kull persuna li tkunjew li kienet qegħda taġixxi, jew li tidher bħala li tkun jew li kienetqegħda taġixxi, bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji jew likienet qegħda tipprovdi servizzi li jeħtieġu awtorizzazzjoni skontdan l-Att, u kull persuna oħra li tidher li jkollha f'idejhainformazzjoni rilevanti, li tagħmel kull ħaġa jew xi waħda minndan li ġej:*
>
> > *(a) li tgħaddi lill-Awtorità, f'dak iż-żmien u post u f'dik l-għamla skont ma din tista' tispeċifika, dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni skont ma din tista'tkun teħtieġ dwar kull attività bħal dawk kif hawn aktarqabel imsemmija, inkluża s-setgħa li teħtieġ rekords tat-telefonija eżistenti u tat-traffiku ta' data eżistenti dwardawk l-attivitajiet;*
> >
> > *(b) li tgħaddi lill-Awtorità kull informazzjoni jew dokumentazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmija, u verifikati b'tali mod hekk kif din tista' tispeċifika;*
> >
> > *(ċ) li tattendi quddiem l-Awtorità, jew quddiem persuna maħtura minnha, f'dak iż-żmien u post hekk kif dintista' tispeċifika, biex twieġeb għal xi mistoqsijiet utipprovdi informazzjoni u*

*dokumentazzjoni dwar kullattività bħal dawk kif hawn aktar qabel imsemmija.*

24. Illi fil- fehma tat-Tribunal, meta lill- Awtorita dehrilha illi l-Appellant kien, jew seta kien, qiegħed jipprovdi servizz regolat skond il- Kap. 529, hija kellha id-dritt, u anke l-obbligu, li titlob l-informazzjoni minnghand l-Appellant dwar dak li kien qiegħed jagħmel. Illi tramite tali informazzjoni, l- Awtorita tkun tista tinvestiga u tagħmel l-verifiki tagħha dwar is-servizz li jkun qiegħed jagħmel persuna, u jekk tali servizz ikunx qiegħed isir bi ksur tal- Liġi.

25. Illi certament ma kienx skuzat l- Appellant illi ma jipprovdix tali informazzjoni semoliciment għaliex ma kellux kuntratti bil- miktub. L- Awtorita talbet informazzjoni ta' natura generika, u l- Appellant kien skars ferm fl- informazzjoni li pprovda lill- Awtorita. Jekk l-Appellant kellu arrangamenti verbali, xorta kellu l-obbligu li jagħti tali informazzjoni, għaliex fl- aħħar mill- aħħar, hlief għall-email tad- 9 ta' April 2020, l- Appellant intalab ukoll sabiex jipprovdi dettallji konsistenti fi spjega ta' x'kien jagħmel, lista ta' persuni li magħhom kellu arrangamenti (mhux kuntratti bil- miktub) u materjal ta' dan it-tip.

26. L- Appellant kien evaziv hafna kemm fir-risposti tiegħu lil- Awtorita kif ukoll fl-informazzjoni li huwa għażel li jagħti lill- Awtorita, li b' konsegwenza kienet għaldaqstant korretta li ssib li l-Appellant kiser dak li jipprovdi l- Artikolu 10(1) tal-Kap. 529.

Illi għaldastant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

27. Illi dwar it-Tieni Aggravju, l-Appellant jgħid illi in-negozju tiegħu għadu fi stadju ta' start-up, ma joffrix servizzi bi ksur tal- Kap. 529, u li l-multa imposta hija waħda projbittiva f' mument ekonomikament difficli. Illi l-Awtorita tgħid illi l- Appellant xorta kien marbut li jipprovdi l-informazzjoni lill- Awtorita meta fil- fatt l-istess Awtorita kienet qegħdha tagħmel l- accertamenti tagħha dwar effettivament x' kien qiegħed jagħmel l- Appellant.

28. Illi hawn għandu jingħad illi l-Awtorita kienet korretta illi tuża il- poteri tagħha skond dak li jipprovdi l- Artikolu 10(1) tal- Kap. 529 għaliex kien ċar illi s-servizz li kien qiegħed jindika li kien qed jagħmel jew seta jagħmel l-Appellant kien jinkwadra ruħhu fis-servizzi regolati fil- Kap. 529. Illi dan joħrog ċar minn evidenza li anke dak

iz-zmien tad-Decizjoni l- Awtorita kellha f' idejha fejn huwa car illi s-servizzi li kienu qeghdin jigu riklamati kienu dawk li effettivament huma regolati skond il-Kap. 529;

29. U hawn tajjeb li jigi osservat illi d-Decizjoni ta' l-Awtorita ma kienetx fis-sens li l-Appellant kien qieghed jaghmel xoghol bi ksur tal- Kap. 529. L-Awtorita talbet l-informazzjoni taht il-poter ta' l-Artikolu 10(1) tal-Kap 529 prorju sabiex a bazi t' hekk wiehed jistabilixxi ezatt il-fatti, stante li mill-mod li bih kien qieghed jopera l-Appellant, kien hemm suspett illi tali attivita kienet tehtieg l- awtorizzazzjoni taht il-Kap. 529. Huwa inutili illi l-Appellant jargumenta illi x-xoghol li kien qed jaghmel ma kienx bi ksur tal- Kap. 529. Meta huwa kien qieghed iwiegeb ghad-domandi li sarulu mill- Awtorita, l-Appellant ghazel li jiggustifika l-operat tieghu, u li l-istess ma kienx jehtieg licenza taht il- Kap. 529, billi jghid illi huwa kien jirreferi ix-xoghol li kien regolat taht il- Kap 529 lill professjonisti li setghu jaghmlu dan ix-xoghol skond l-istess Kap. 529 (jew ghax kienu licenzjati jew ghax kienu detenturi ta' warrants li jippermettu li jsir tali xoghol skond l-istess Kap. 529). Meta mitlub jissustanzja dan, anke meta inharget il- Minded Letter, l-Appellant baqa vag u evasiv u ressaq numru ta' ragunijiet sabiex tali informazzjoni ma tinghatax. Dan, fil- fehma tat-Tribunal, sar bi ksur ta' l-artikolu 10(1) tal- Kap. 529 u ghaldaqstant l- Awtorita kienet fid-dover li tiehu l-azzjoni li hadet.

30. Illi fl- ahhar, l-Appellant jilmenta mill- quantum tal- multa imposta fuqhu. L-Awtorita targumenta illi l- Appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwar il- quantum tal-multa fuqu imposta. Izda it-Tribunal ihoss illi fil- paragrafu (iii) tat-tieni aggravju, l-Appellant jilmenta li il-multa imposta hija wahda eccessiva u manifestament ingusta.

31. Illi kemm fid-Decizjoni kif ukoll fir-Risposta ghall- Appell u fin-Nota ta' Sottomissjonijiet, l-Awtorita taghmel referenza ghall-poter li timponi multa hekk kif stabbilit fl- Artikolu 16(3) tal- Kap. 330. Skond dan l-Artikolu, l-Awtorita tista timponi multa sa massimu ta' mija u hamsin elf Euro (€ 150,000) fejn persuna tonqos li thares il- provvedimenti ta' l-istess Kap 330 jew ta' xi Att iehor amministrat mill-Awtorita. Minn naha l-ohra, skond l- artikolu 9 tal- Kap. 529, il-massimu tal- multa f' kaz ta' ksur tal- provvedimenti tal- Kap. 529 hija ta' hamsin elf Euro (€ 50,000). Illi skond l-Artikolu 2 tal- Kap. 529, hija l-Awtorita Appellata li hija vestita bl-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal- Kap. 529, u ghaldaqstant japplika, f' dan il- kaz, dak li hemm stipulat fl- Artikolu 16(3) tal- Kap. 330 tal- Ligijiet ta' Malta.

32. M' huwiex il- kompitu tat-Tribunal ji jidhol fi kwistjoni ta' artikoli ta' Ligi li jistghu jinqraw bhala kunfliggenti, izjed u izjed meta l- Appellant, la fir-rikors promotur u lanqas fis-sottomissjonijiet tieghu ma jilmenta minn dan.

33. Illi fid-decizjoni taghha l-Awtorita kienet cara illi l- multa kienet qed tigi imposta a bazi ta' l-artikolu 16(3) tal- Kap. 330, fejn kif inghad izjed qabel, il- massimu huwa ta' € 150,000. Fil- kaz odjern il- multa imposta kienet ta' € 25,000 oltre il-publikazzjoni ta' l-istess Decizjoni. Illi l-argumenti ta' l-Appellant dwar cirkostanzi li skond hu kellhom jimmittigaw fuq il- quantum tal- multa ma jreggux tenut kont ukoll tal-fatt illi l- Awtorita qieset ic-cirkostanzi kollha tal- kaz fl-imposizzjoni ta' l-istess multa. Illi fil- fehma tat-Tribunal, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal- kaz, il- multa imposta kienet gusta u it-Tribunal ma jsib xejn li jikkostitwi abbuz ta' diskrezzjoni ta' l-Awtorita jew li l-istess multa hija manifestament ingusta.

Illi ghaldaqstant anke dan l-Aggravju qieghed jigi michud

Ili in vista tal-premess, it-Tribunal qieghed jichad l-appell interpost mill-Appellant u jikkonferma id-decizjoni ta' l-Awtorita' Appellata tat- 13 ta' Ottubru 2020. Tenut kont li it-Tribunal cahad l-eccezzjoni preliminari imressqa mill- Awtorita, l-ispejjez ghandhom ikunu sapportati in kwantu ghal 2/3 mill- Appellant u 1/3 mill- Awtorita Appellata.